St Margaret College Secondary School
Verdala, St Nicholas Road, Cospicua, BML 9035
☎ 25985400 🖷 21803850 ✉ smc.verdala.ss@ilearn.edu.mt smcsecondary.com

**Sena skolastika 2020-2021**

# Linji gwida u informazzjoni għall-Ġenituri/Gwardjani (fuq struzzjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika)

Bħalissa l-iskola tinsab fil-proċess li tilqa' mill-ġdid 'l-istudenti u qed tagħmel minn kollox biex tieħu l-miżuri kollha neċessarji minħabba l-imxija. Għalhekk waqt li f'dawn il-ġranet ser inkomplu inżommukom informati, ser inkunu qed naġġornawkom wkoll dwar meta se jibdew l-istudenti, *Year group, Year group,* dwar il-*pick-up points* tat-trasport u tagħrif ieħor meħtieġ bħal dan li ġej.

## Filgħodu qabel l-istudenti jitilqu mid-dar għall-iskola

- L-istudenti m'għandhomx jintbagħtu l-iskola jekk iħossuhom ma jifilħux. Ikkonsultaw tabib.
- Għalhekk filgħodu l-ġenituri/gwardjani għandhom jiċċekkjaw lil uliedhom għal dawn is-sintomi u jżommu t-tfal id-dar f'każ li xi wieħed minn dawn ikun preżenti:
    - Temperatura ta' 37.2 ºC jew ogħla
    - Uġigħ tal-griżmejn
    - Tqaħqiħa ġdida mhux ikkontrollata
    - Dijarrea, remettar, uġigħ ta' żaqq
    - Uġigħ ta' ras sever

Għalkemm l-iskola se tkun mgħammra bi prodotti għad-diżinfettar, importanti li l-ġenituri/gwardjani jassiguraw li kull student ikollu fuqu prodotti għad-diżinfettar bħal *wipes*, *tissues* u gel għad-diżinfettar tal-idejn.

## Trasport

- L-istudenti biss li huma rreġistrati biex jużaw ir-rotta se jkunu qed jitħallew jagħmlu użu mis-servizz. Kull student mistenni jżomm l-istess rotta u mhux se jkun permissibbli li jirkeb vetturi differenti.
- Jekk jogħġobkom infurmaw lit-tifel/tifla biex tilbes il-maskra/visor tul il-vjaġġ kollu u biex tibqa' bilqiegħda fejn jgħidilha x-xufier jew is-supervisor.

- L-operaturi tal-vetturi/xufiera se jiddiżinfettaw postijiet li wieħed jaqbad magħhom ta' spiss wara kull vjaġġ.
- It-Taqsima tat-Trasport tal-Iskejjel se tkun qiegħda tagħmel kontrolli b'mod spontanju biex tassigura li din il-miżura qed tiġi mħarsa.

## Dħul u Ħruġ fl-Iskola

- L-istudenti u l-istaff se jidhlu l-iskola minn zewg entraturi differenti kif muri aktar 'l isfel.
  - Il-ġenituri/gwardjani mistennija jżommu d-distanza rakkomandata huma u jistennew barra l-iskola u mitluba jkunu fil-ħin u jitilqu hekk kif uliedhom jidħlu l-iskola. Rakkomandat li jilbsu maskra jew visor.
  - Mal-wasla tagħhom l-istudenti se jintalbu jiddiżinfettaw idejhom u se titteħdilhom it-temperatura fl-entratura tal-iskola. Jekk student jinstab li għandu temperatura ta' 37.2$^{o}$C jew ogħla ma jitħalliex jibqa' l-iskola.
  - Wara l-istudent se jintalab jibqa' sejjer dritt fil-klassi jew post magħżul minn qabel biex tinżamm il-*bubble* tal-klassi.
  - Hrug ghall-istudenti se jkun mill-Main Gate tal-iskola. Genituri li se jwasslu 'l-istudenti lura d-dar bil-karozzi personali taghhom jistennew lil-uliedhom fil-parkeggi li hemm barra l-kancell principali.

## Użu ta' Maskri/Visors

- L-istaff se jilbes il-maskra/visor tul il-ħin kollu.
- L-istudenti mitluba jiġu l-iskola lebsin il-maskra/visor u mitluba jibqghu jilbsu l-maskra/visor fil-klassi, partijiet komuni tal-iskola bħal kurituri u *toilets*, kif ukoll fuq it-trasport. Tista' titnehha l-maskra **BISS** waqt lezzjonijiet tal-PE fuq barra u biex jieklu waqt il-brejk.
- Il-maskri/visors iridu jintgħarfu b'isem it-tifel/tifla. Jekk jogħġobkom ħudu ħsieb ibagħtu mat-tfal borża jew *pocket* fejn il-maskra/visor tkun tista' titqiegħed meta ma tkunx qed tintuża.
- Il-maskri jridu jinħaslu jew jinbidlu kuljum. Il-*visors* iridu jintmesħu u jiġu diżinfettati kuljum.

## Il-ġurnata tal-iskola

- Fil-klassi se jkun hemm distanza adekwata bejn l-imwejjed, l-istudenti u l-membri tal-istaff. (1.5m)
- Il-*breaks* se jkunu f'ħinijiet differenti biex ikun hemm inqas studenti flimkien fl-istess ħin. L-istudenti mill-istess cluster (fil-kaz tal-iskola taghna se jkunu gruppi ta' 2 klassijiet) se jithallew joqghodu hdejn xulxin fil-break.
- Qed inħeġġu lill-għalliema biex fejn possibbli jużaw il-btieħi biex jagħtu l-lezzjonijiet.
- Fil-klassi/kurituri l-bibien/twieqi se jinżammu miftuħa għal ventilazzjoni tajba.

## Il-Garanzija ta' Ambjent Sigur

- Persuni mhux awtorizzati mhumiex se jitħallew jidħlu l-iskola. L-istudenti u staff awtorizzat BISS se jitħallew jidħlu fl-iskola.
- Aħna nixtiequ li l-ġenituri\kustodji jikkomunikaw magħna bit-telefon, imejl jew permezz tal-komunikazzjoni onlajn bhall-website tal-iskola u l-Facebook page tal-iskola. Id-dettalji ta' kif għandkom tikkomunikaw magħna jinsabu aktar 'lisfel.
- Qabel ma jidħlu fl-iskola, il-viżitaturi awtorizzati jridu jiddiżinfettaw idejhom bis-*sanitiser* ipprovdut u tiġi ċċekkjata t-temperatura tagħhom.
- L-iskola se żżomm rekord bid-dettalji tal-persuni awtorizzati kollha li jidħlu fil-bini tal-iskola.
- L-iskola se jkollha *stickers* imwaħħla apposta biex tgħin lill-istudenti u 'l-membri tal-iskola jżommu d-distanza soċjali.
- Se tinżamm sistema organizzata biex wieħed jiċċaqlaq minn post għal ieħor fl-iskola, ie. fil-kurituri wieħed irid dejjem jimxi fuq in-naħa tax-xellug.
- L-*assemblies* se jinżammu onlajn meta t-tfal ikunu fil-klassi.
- Ma jistgħux isiru ħarġiet mill-iskola sakemm ikun hemm avviż ieħor.
- *Parents' day/evening* se jinżammu wkoll onlajn, għalhekk il-ġenituri huma mħeġġa li jniżżlu l-*Microsoft Teams*. Toqogħdux taħsbuha biex tikkuntattjaw l-iskola, jekk ikollkom bżonn aktar ghajnuna dwar dan.
- *Sanitisers* tal-idejn se jkun hemm f'kull klassi, ufficju jew staff room.
- Se niżguraw li se jkun hemm l-aqwa kundizzjonijiet iġjeniċi fl-iskola tagħna billi jsir ħasil sew b'mod regolari. It-*toilets* se jitnaddfu regolarment u se jkun hemm is-sapun u l-karti *disposable* l-ħin kollu.

## F'Każ ta' Mard

- Jekk student iħossu ma jiflaħx fl-iskola, dan l-istudent jittieħed fil-Kamra ta' Iżolament. Il-ġenituri/kustodji jintalbu biex jiġbru t-tifel/tifla tagħhom. Huwa importanti ħafna li l-ġenituri/kustodji jikkoperaw immedjatament u jikkuntatjaw it-tabib tal-familja.

- Jekk student kien f'kuntatt ma' xi ħadd li kien ikkonfermat pożittiv għall-COVID 19 fl-aħħar ġimagħtejn, l-istudent għandu jibqa' d-dar u jfittex il-parir ta' tabib.
- Jekk l-istudent ikun ivvjaġġa minn pajjiż mhux fil-lista ta' vvjaġġar (non-corridor) jew ta' riskju għoli (*amber*) fl-aħħar 14-il ġurnata, l-istudent għandu jibqa' d-dar.

## Nedukaw lil Uliedna

Il-ġenituri/kustodji huma wkoll imħeġġa biex ifakkru lil uliedhom f'dawn il-prattici kemm waqt l-iskola kif ukoll id-dar. Fl-iskola dawn il-mizuri se jittiehdu bis-serjeta u se naraw li jigu infurzati. Studenti li ma jsegwux prattici essenzjali li jistghu ikunu ta' periklu ghal student ohra (highlighted) ma jithallewx aktar fl-iskola u nibaghtu ghall-genituri biex jiehdu 'l-istudenti d-dar.

- Ifissru lil uliedhom li t-tgħanniq u li tieħu b'idejn ħaddieħor mhumiex permessi.
- Hasil ta' spiss tal-idejn bis-sapun u l-ilma.
- Ilbies tal-maksla matul il-gurnata kollha (hlief waqt lezzjonijiet tal-PE fuq barra u waqt il-brejk biex jieklu l-kollazjon)
- Jevitaw kemm jista' jkun li jmissu wiċċhom, imneħirhom, ħalqhom u għajnejhom jekk ma jkunux ħaslu jew iddiżinfettaw idejhom immedjatament qabel.
- Juzaw it-*tissues* meta hu ta' bzonn u jarmu t-*tissues* użati fil-bins provduti immedjatament wara l-użu tagħhom. Juzaw sanitiser immedjatament wara.

## Informazzjoni Importanti

- Jekk ikollkom bżonn tikkuntattjaw l-iskola, tistgħu tagħmlu dan billi ċċemplu fuq:
  - **Landline:** 25985400
  - **School email:** smc.verdala.ss@ilearn.edu.mt
  - **School website:** smcsecondary.com
  - **Facebook page:** Verdala Secondary School

## Dħul u Ħruġ fl-iskola

| Entratura | 7:30am – 8:00am | 7:00am – 8:00am |
|---|---|---|
| **Mill-grada principali tal-iskola in-naħa ta barra** | L-istudenti kollha li jaslu l-iskola bil-mixi / | L-istudenti li jaslu l-iskola bit-trasport tal-iskola |
| **Entratura tan-naħa tax-xellug f'Blokk Ċ (faccata tal-canteen)** | | L-istudenti kollha li jinzlu mill-coaches u vannijiet |

| | | |
|---|---|---|
| **Entratura prinċipali ta Blokk Ċ** | L-istudenti kollha li jaslu bil-mixi / trasport mill-ġenituri | |
| **Ir-reception ewlenija tal-iskola** | | Staff kollu tal-iskola **(**l-amministrazzjoni, għalliema, LSEs, staff tekniku u ancillari ) |
| **Ir-reception tal-iskola se jkun l-uniku entratura matul il-ġurnata ghall:**<br><br>**Studenti li jaslu tard bit-trasport filgħodu jew studenti li jaslu tard b'raġuni valida BISS**<br><br>**Persuni awtorizzati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni**<br><br>**Ġenituri li se jwasslu lil uliedhom l-iskola bit-trasport personali tagħhom matul il-ġurnata mhux se jitħallew jidħlu l-iskola mill-grada prinċipali (Main Gate) izda l-istudent jinzel fejn il-grada prinċipali u jidħol bil-mixi lejn ir-reception area tal-iskola waħdu/waħedha.** | | |

## Informazzjoni Ohra

- L-attendenza se tittieħed u l-puntwalità hija importanti ħafna. Iċ-ċertifikati tal-mard ta' student li jirritornaw l-iskola minn mard iridu jiġu ppreżentati jew mibgħuta b'imejl jew jiġu mpustati fil-kaxxa tal-ittri tal-iskola idealment qabel ma l-istudent jirritorna lura l-iskola.
- L-uniformijiet u l-basktijiet għandhom jinħaslu kuljum.
- Ħudu ħsieb li l-istudenti ma jiħdux l-iskola b'oggetti (ez mobiles) li m'humiex permessi. Irreferu ghall- Behaviour Policy tal-iskola li qieghda fuq l-website permess tal-link https://smcsecondary.com/2018/12/07/school-behaviour-policy/
- L-użu tal-funtani tal-ilma huwa għalissa assolutament ipprojbit. Għaldaqstant, il-ġenituri/kustodji għandhom jaraw li uliedhom ikollhom biżżejjed ilma għal matul il-ġurnata. Fliexken tal-ilma jistgħu jinxtraw ukoll mit-Tuck Shop tal-iskola waqt il-ħin tal-brejk.
- Aħna ninkoraġġixxu lill-ġenituri/kustodji biex jagħtu lit-tfal aktar ikel san ħalli dan ikun jista' jsaħħilhom is-sistema immunitarja. Fl-iskola, se nkomplu nkattru l-imħabba għal stil ta' għajxien aktar san.
- Il-ġenituri/kustodji huma mitluba li jinfurmaw lill-iskola jekk ikollhom xi suspett tad-dud fix-xagħar. It-tfal li jkollhom id-dud jintbagħtu d-dar u jkunu jistgħu jmorru lura l-iskola META jkollhom iċ-ċertifikat li juri li huma nodfa u li jistgħu jirritornaw l-iskola.

- L-istudenti ghandhom bzonn mill-inqas 8 sighat irqad. Tħallux lil uliedkom jilagħbu sa tard bil-lejl jew chatting fuq mobiles sas-sighat bikrin ta' filghodu. Dan ghandu konsegwenzi negattivi fuq l-istudenti waqt il-hin li jkunu maghna l-iskola.
- L-ibbuljar mhuwiex aċċettat. Il-ġenituri/kustodji huma mħeġġa jgħallmu lil uliedhom ikunu ġenerużi u jaħfru lil xulxin. Aħna l-adulti għandna nagħtu eżempju tajjeb.
- Jekk ikun hemm xi ħaġa li tinkwetakom, ċemplu lill-iskola mill-ewwel ħalli tiddiskutu maghna u naraw fejn nistghu nassistu.
- Meta l-iskola u l-ġenituri jaħdmu id f'id, l-istudenti jkunu aktar kuntenti u jmoru aħjar fl-istudji tagħhom.

**Bħal dejjem, aħna nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom u nħarsu 'l quddiem biex nilqgħu lil uliedkom għas-Sena Skolastika 2020/2021.**